**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru 2023**

**<u>Rikors guramentat nru : 116/2019 AGV</u>**

**MA**

**-vs-**

**G sive JA**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' MA li ppremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-kontendenti żżewgu fis-sitta ta' Ottubru tal-elf disa mija u disghin (06.10.1990) u minn dan iz-zwieg twieldu żewġt t'itfal, illum maġġorenni (ara certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A).

2. Illi ż-żwieg ta' bejnithom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minhabba eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibili u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-Ligi, bi htija imputabbli unikament tal-konvenut.
3. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibli.
4. Illi l-parijiet gew debitament awotrizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digrieti moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 8 ta' Marzu, 2019 (Ara digriet hawn anness u mmarkat bħala Dok B).
5. Illi l-fatti hawn ddikjarati tafhom hi personalment.

Ighid ghalhekk l-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.
2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew minn pensjoni illi qed jircievi l-intimat u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti.
3. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih

interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lil-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.
5. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.
6. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.
7. Tawtorizza tgħix fid-dar matrimonjali 25, Josmir, Triq il-Harrub, Zejtun, ad esklużjoni tal-konvenut.
8. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt, minn issa ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' GA fejn eccepixxa s-segwenti:-**

Jeccepixxi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:-

1. Illi in kwantu l-ewwel talba attrici, fil-mertu, riferribbilment ghall-ewwel talba attrici, il-konvenut jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti, izda dan mhux ghar-ragunijiet kif premessi mill-attrici izda minhabba mohqrija, sevizzi, minacci, insulti, eccessi u ingurji gravi da parti tal-attrici versu l-konvenut u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna bl-ispejjez kontra l-attrici.

2. Illi rigward it-tieni talba fejn gie mitlub manteniment ghall-attrici u l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici, il-konvenut joggezzjona u jirrileva li din it-talba ghandha tigi michuda stante l-fatt illi fic-cirkostanzi, jigi ribadit illi hija fil-fatt l-attrici illi kkagunat il-firda fiz-zwieg u ghalhekk tilfet il-jeddijiet li jitnisslu miz-zwieg bl-applikazzjoni tal-artikolu 48, 51,52 u 53 tal-Kodici Civili u dan minghajr pregudizzju ghal fatt illi l-attrici hija fil-kapacita' li tahdem pero' tirrifjuta li taghmel dan. Illi ghal dawn ir-ragunijiet li ser jigu ppruvati fil-mori tal-kawza odjerna, din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

3. Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda u dan stante illi ma jikkonkorrux l-elementi legali u m'hemm ebda raguni fattwali ghalfejn is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 u 55 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tat-trattazzjoni tal-kawza, bl-ispejjez kontra l-attrici.

4. Illi fir-rigward tar-raba' talba u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti jaqbel fis-sens li ghandha tigi xolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn l-attrici purche' kwalunkwe divizjoni personali bejn il-partijiet.

5. Illi fir-rigward il-hames talba attrici filwaqt illi l-konvenut jirrileva li *dato ma non concesso* illi l-attrici ghandha beni parafernali, l-esponenti m'ghandhu l-ebda oggezzjoni li dawn jigu assenjati lilha, b'dana illi l-konvenut jiddikjara li huwa fil-pussess ta' ebda beni prafernali tal-attrici u ghaldaqstant l-ispejjez ta' din it-talba ghandhom tbatihom interament l-attrici.

6. Illi rigward is-sitt talba l-konvenut jirrileva li filwaqt li jzomm ferm mar-raba' paragrafu hawn fuq imsemmi, joggezzjona ghat-talba kif imressqa, u dan fejn jirrigwarda att ta' divizjoni b'referenza ghad-dar matrimonjali li hija d-dar parafernali tieghu ghal liema l-attrici ma ghandhiex drittijiet fuqha.

7. Illi fir-rigward is-seba' talba, l-konvenut joggezzjona bil-qawwa stante l-fatt ili kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza hija fil-fatt l-attrici illi kkagunat il-firda taz-zwieg.

8. Illi fir-rigward t-tmien talba, l-konvent m'ghandhux oppozizzjoni.

9. Illi f'dan li jirrigwardja l-ispejjez tal-kawza, gialadarba l-konvenut ma jahti xejn ghall-firda bejn il-partijiet, liema firda giet kkagunata unikament bi htija u tortijiet imputabbli esklussivament lill-istess attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat il- Kontro-talba tal-konvenut GA fejn ippremetta s-segwenti:-**

1. Illi l-konvenut rikonvenzjonat qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt illi jaghmel kontro-talba ai termini tal-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu.

2. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u disghin (1990) minn liena zwieg twieldu zewgt itfal D   u R A    illum maggiorenni.

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadiex aktar possibbli u tkissret irrimedjabbilment minhabba mohqrija, sevizzi, minacci, insulti, eccessi u ingurji gravi da parti tal-attrici rikonvenuta kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Il-konvenut rikonvenzjonant jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

5. Illi l-konvenut rikonvenzjonant gie debitament awtorizzat illi jistitwixxi dawn il-proceduri permezz tad-digriet mghoti minn din l-Onorabbli Qorti datat 2 ta' Settembru 2016, li kopja tieghu hija diga' annessa mar-rikors promotur tal-attrici bhala (DOK JA1).

Ghaldaqstant il-konvenut rikonvenzjonant ghar-ragunijiet suesposti, kif ukoll dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjonijiet ta' dina l-kawza jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. TIDDIKJARA U TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lil-attrici rikonvenuta u ghal-finijiet tal-artikolu 48 u 53 tal-Kodici Civili TISTABILIXXI d-data meta l-istess

attrici rikonvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.

2. TIDDIKJARA illi d-dar matrimonjali 25, Josmmir, Triq il-Harrub, Zejtun ma tibqax meqjusa iktar bhala d-dar matrimonjali u TIDDIKJARA li l-fond 25, Josmmir, Triq il-Harrub, Zejtun hija parafernali tal-konvenut rikonvenzjonant.

3. TIKKUNDANNA lill-attrici rikonvenuta tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant l-propjeta' kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha.

4. TORDNA lill-attrici tizgombra mill-fond 25, Josmmir, Triq il-Harrub, Zejtun, entro perjodu ta' gimgha mis-sentenza mghotija minn dina l-Onorabbli Qorti u TAWTORIZZA lill-konvenut rikonvenzjonat jghix fil-fond 25, Josmmir, Triq il-Harrub, Zejtun ad eskluzjoni tal-attrici.

5. TAPPLIKA kontra l-attrici rikonvenuta s-sanzjonijiet imposti jew imponibbli ai termini tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta Malta.

6. TIDDIKJARA xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u TILLIKWIDA u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat mill-Qorti liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fil-hames talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi a spejjez tal-istess attrici rikonvenuta.

7. TINNOMINA nutar pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenuta f'kaz ta' bzonn u spejjez tal-attrici rikonvenuta.

8. TIKKUNDANNA lill -attrici rikonvenuta tikkonsenja u tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonat il-beni kollha dotali u parafernali tieghu u TORDNA ILLI il-kovenut rikonvenzjonat jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu inkluz il-fond matrimonjali li hija propjeta' tal-konvenut u fin-nuqqas li l-attrici rikonvenuta taghmel dan TIKKUNDANNAHA THALLAS LILL-KONVENUTA dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali suddetti a spejjez tal-attrici rikonvenuta.

9. TAWTORIZZA lill-konvenut rikonvenzjonat illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-ligi u bl-attrici rikonvenuta msejjha minn issa in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' MA , ghall-kontro -talba fejn eccepiet is-segwenti:-**

1. Preliminarjament, fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti tirrileva illi hija taqbel mal-konvenut rikonvenzjonanti għat-talba tas-separazzjoni personali iżda dawn mhux għar-raġunijiet premessi minnu stante illi l-ħtija għandha tiġi attribwita unikament lill-konvenut rikonvenzjonant, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Għalhekk, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti in kwantu jimputaw xi tort lill-eċċipjenti għal ksur tal-ħajja miżżewġa huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u a kuntrarju huwa l-konvenut rikonvenzjonanti li għandu jinstab ħati tal-firda tal-kontendenti minħabba li naqas milli jottempora ruħu mal-obbligi matrimonjali u ukoll hu ħati ta' eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet oħra, li rrendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli u dan ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Taqbel mat-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonanti li d-dar matrimonjali hija propjetà parafernali tiegħu. Madankollu, l-esponenti tirrileva li saru diversi spejjez u pagamenti relatati mad-dar matrimonjali fiz-zwieġ kif se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawza, u li għalhekk hija għandha tingħata kumpens u/jew flejjes in konessjoni mad-dar matrimonjali u in oltre, hija qiedgha minn issa tirriżerva kwalunkwe pretenzjoni u/jew krediti illi l-esponenti għandha jew fil-futur jista' jkollha fir-rigward l-istess dar.

3. Tiċħad it-tielet talba stante illi hija m'għandha l-ebda propjeta' parafernali tal-konvenut rikonvenzjonanti fil-pussess tagħha. Fi kwalunkwe każ, għandu jkun l-konvenut rikonvenzjonanti li jipprova l-eżistenza ta' tali beni parafernali u jekk l-eżistenza ta' tali assi parafernali tiġi ppruvata mir-rikorrenti, kwalunkwe frott tal-istess beni jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili.

4. Toġġezjoni bil-qawwa għar-raba' talba għall-fatt li għandha tkun l-esponenti li tiġi awtorizzata tibqa' tirresjedi ġewwa d-dar matrimonjali '25, Josmir, Triq il-Harrub, Zejtun' ad esklużjoni tal-konvenut rikonvenzjonanti, u dana peress li huwa l-konvenut rikonvenzjonanti li huwa interament ħati tat-tifrik taż-żwieġ u għalhekk għandu jiġi zgumbrat mid-dar matrimonjali.

5. Tikkontesta b'mod assolut il-ħames talba stante illi l-esponenti bl-ebda mod m'għandha tbati xi nuqqas jew tiġi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut, u dan għaliex kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-konvenut rikonvenzjonanti huwa unikament ħati għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-kontendenti. Illi in oltre, a kuntrarju ta' dak allegat mill-konvenut rikonvenzjonanti u kif ser jiġi hekk ippruvat, huwa l-konvenut rikonvenzjonanti illi ddekada mid-drittijiet stipulati fil-Kodiċi Ċivili għar-raġunijiet imsemmija.

6. Taqbel parzjalment mas-sitt talba tal-konvenut rikonvenzjonant, stante illi l-istess kommunjoni tal-akkwisti għandha tiġi xolta u likwidata iżda bla ebda mod l-esponenti m'għandha tbati xi nuqqasijiet jew tiġi imposta xi sanzjonijiet minn sehemha debitament hekk dovut fil-likwidazzjoni tal-istess kommunjoni tal-akkwisti.

7. Taqbel mas-seba talba.

8. Toggezzjona bil-qawwa għat-tmien talba stante illi ma jezistu l-ebda beni dotali u parafernali. Illi in oltre u l-esponenti għandha tiġi ordnata tgħix fil-fond matrimonjali ad ezkluzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant filwaqt li l-esponenti ma għandhix tiġi kkundanata tħallas l-ebda somma.

9. Taqbel mad-disa' talba.

10. Illi l-esponent topponi għall-ispejjeż kollha tal-kawża odjerna.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonanti, inkluż tal-Ittri ta' Medjazzjoni, li hu nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-Rapport tal-Perit Axisa.

**Fatti**

Il-partijiet kienu ltaqghu sena qabel ma zzewwgu fis-6 ta' Ottubru, 1990. L-attrici tghid li ghalkemm missier il-konvenut kien ikkummenta li ibnu kien bniedem difficli li tghix mieghu, Pero' kienet kuntenta fl-gherusija u ma kinitx tat daqshekk kaz.

Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li llum huma maggorenni.

Tispjega li meta gew biex ilestu ghaz-zwieg, il-konvenut kellu art li riedu jibnuha, pero' kien dejjem jinsisti mal-attrici li ma kienx ser ikollha xejn f'isimha. Kien wieghdha li kien ser jikteb il-post fuqha ukoll u fil-fatt kienu marru ghand Dr. JB , izda qatt ma gara xejn minn dan u kien biss wara li rrealizzat li kien dahak biha.

L-attrici tishaq ukoll li fi zmien l-gherusija kienet tahdem bhala *machine operator* mal-Imperial Product, Marsa u kienet twarrab mill-paga sabiex tinvestihom fil-post u fil-fatt kienet xtrat l-ghamara tal-kamra tas-sodda, kcina, kamra tal-ikel u diversi affarijiet ohra.

Meta harget tqila bl-ewwel tarbija, l-attrici kienet iddecidiet li tieqaf tahdem u dan kien fl-1990. Tistqarr li l-konvenut ma tantx kien ighinha bit-tifla u f'dak iz-zmien kienet thossha ghajjiena hafna u kien ikollha ugigh fil-muskoli. Kienet marret hadet parir mediku, fejn it-tabib iccertifika li ghandha ghejja fil-muskoli u ppreskrivilha xi kalmanti.[1] Il-konvenut beda jinsulentaha li ghandha mard tal-mohh.

[1] Dok. MA1

L-attrici ssemmi li meta twieled it-tieni wild taghhom il-problemi zdiedu, ghaliex il-konvenut kien issawwat lit-tifel bic-cintorin jekk kien idejjqu u peress li l-attrici kienet taqbez ghat-tifel kienet tehel mar-rasu hi. Kien joggezzjona li tibghat lit-tifel biex jippratika l-isport, l-iktar minhabba l-flus u kien anke jitfa' kull responsabbililta' fuq l-attrici.

Problemi ohra li kellhom fiz-zwieg kienu l-flus. L-attrici kienet ghalqet il-kont li kellha bhala xebba u ghall-bidu l-konvenut kien ighidilha biex tiehu l-flus mill-kont bankarju tieghu u peress li kien jafdaha kien taha anke prokura. Kien iddecieda li jwaqqafilha, pero' peress li kien iddecieda li kienet qed tonfoq minghajr kontroll.

Kien ighaddilha circa €20 kuljum u gieli izjed u gieli anqas u jekk kellha bzonn tixtri xi hwejjeg u tmur ghand it-tabib kien ikollha titolbu l-flus. Kien anke jieqfilha milli tiehu l-patata u l-frott li kien jisra. Kien anke jirrifjuta li jhallas ghall-ispejjes tat-tfal meta kien ikollhom xi attivita' u fil-fatt kien hemm okkazzjoni meta kien hemm xi live-in tas-seminarju u l-konvenut ma riedx ihallas ghat-tifel u spicca hareg l-€20 l-qassis li kien qed jiehu hsieb.

Kien anke kellhom xi jghidu meta l-attrici riedet tixtri rota gdida ghat-tifel.

Problemi ohra kienu l-vendikazzjonijiet li kien jaghmilha l-konvenut u l-attrici ssemmi diversi incidenti bhalma meta kien ighaffeg il-ward li tant kienet thobb jew jghaffgilha waqt li tkun qed tahsel. Kien anke jiftah it-twieqi u jibda jghajjat waqt xi glieda u dan sabiex jisimghu kulhadd.

Minhabba dan l-inkwiet, l-attrici kienet marret mieghu sabiex ikellmu lil Dun S, u minn hawn il-konvenut kien mar ghand l-Appogg, izda ghal bidu kellhom ftit laqghat, izda mbaghad il-konvenut ma riedx jikkoopera peress li qallha li ma kienx jemmen fihom dawn l-affarijet.

It-tghajjir u l-glied kien jibqa' ghaddej u kien iridha tapologizza.

L-attrici tkompli tishaq li l-konvenut kien ihobb iwaqqaha tac-cajt u jghajjat maghha quddiem in-nies.

Issemmi li l-konvenut kien ha xi dehebijiet tat-tfal, izda meta kkonfrontat lill-konvenut innega dan.

Bejn is-snin 2008/2009, il-konvenut ghadda bord peress li ma kienx ried imur jahdem fic-cimiterju u ddecieda li ried ighaddi bord anke jekk kienu offrewlu posizzjoni ohra bl-*overtime*. Tghid li l-konvenut kien qabad u ha d-decizjoni wahdu minghajr ma kkonsulta maghha. Il-bord kienu ccertifikawh li qed ibati minn depressjoni u kienu tawh il-pilloli. Dak iz-zmien kien jara l-Professur EM u llum qed jigi segwit mit-tabib E G . Skond l-attrici, il-konvenut kien qallha li ma kienx ser jiehu dawn il-pilloli u sa fejn taf kien hadhom darba u ma regax hadhom.

Minhabba li l-konvenut waqaf jahdem, dan kellu impatt finanzjarju fuqhom, izda ghal darb'ohra l-konvenut ma kienx jaghti kaz dak li kienet tghidlu l-attrici u xtara debba, li kienet tirrikjedi diversi spejjes. Kien anke xtara l-ghasafar. Minhabba l-flus kien ikollhom hafna glied.

Kien anke jirribella jekk it-tfal kienu jgibu l-hbieb id-dar u kien hemm incident wiehed fejn l-konvenut ghamel xenata u kien ser ihebb ghall-attrici, tant li kellha tinvolvi l-pulizija, imma ma riditx tmexxi peress li kienet tibza li dan kien jinvolvi diversi spejjes u ma kellhiex flus.

Meta kienu jiggieldu kien jaqbad ma jkellimhix u jaghmel il-vendikazzjonijiet jew iheddidha li ser ikecciha 'l barra, tant li kienet marret taghmel kuntratt ghand in-nutar biex turi lin-nies li kellha dritt toqghod hemm.[2]

[2] Dok. MA 2

Maz-zmien ir-relazzjoni taghhom qalbet ghall-aghar. L-attrici ssostni li l-konvenut kien baqa' jzomm il-flus ghalih u kien beda jippretendi li t-tfal ghandhom jikkontribwixxu ghall-ispejjes tal-Go pack u fil-fatt gieghlhom jiffirmaw karta.[3] Kienu spiccaw marru ghand avukat minhabba d-dizgwid, fejn ftehmu li t-tfal ghandhom johorgu €80 kull wiehed.

Id-dizgwid mat-tfal kompla, tant li spiccaw kellhom jaslu ghall-ftehim informali tramite l-avukat. Anke peress li l-konvenut, tul dan il-perjodu ma kienx qed jaghtiha flus, l-avukat ftehem mieghu li kellu jaghmel xi xogholijiet fid-dar li kienu ilu biex jaghmel.

L-attrici tkompli ssemmi diversi ezempiji sabiex tiggustifika l-egoizmu u karattru dominanti u aggressiv tal-konvenut.

Kien wara l-incident li sehh fl-2018, fejn kien ser jahbat ghaliha fuq kikkra te, li l-attrici kienet ghamlet rapport mal-pulizija, izda ddecidiet li ma tixhidx kontra l-konvenut. Kien meta rega' beda jinsisti li ried izjed flus minghand it-tfal, li kienu anke waslu fl-estrem li kienu qed jixtru l-ikel taghhom, li l-attrici ddecidiet li ma setghetx tibqa' tghix hekk u ddecidiet li tibda bil-proceduri ta' separazzjoni.

**Manteniment**

L-attrici qed titlob manteniment minghand il-konvenut u dan peress li kienu ftehmu meta zzewwgu, li hi ma tahdimx u effettivament, ilha ma' tahdem mis-sena 1990. Illum ghandha 57 sena u ma tircevix pensjoni u lanqas assistenza socjali peress li joqoghdu taht l-istess saqaf.

Tghid ukoll li skond id-digriet mahrug mill-Qorti fl-25 ta' Lulju, 2019 l-konvenut ghandu jghaddilha s-somma ta' €200, izda prezentement qed ighaddilha biss €100

[3] Dok. MA 3

fix-xahar. Peress li ghandha hafna spejjes qed titlob li tinghata nofs il-pensjoni tieghu.[4]

**Dar Matrimonjali**

L-attrici tispjega li d-dar matrimonjali No. 25, Triq il-Harrub, Zejtun, inbniet mill-konvenut qabel iz-zwieg wara li kien xtara l-art u bniha. Tistqarr li kienet harget diversi spejjes qabel iz-zwieg biex xtrat affarijiet ghall-post. Bhala rcevuti tghid li kellha nefqa ta' Lm7,400.[5] Kien hemm ukoll xi spejjez li ghamlet, izda li ma kellhiex l-ircevuti taghhom.

Kienet hallset ukoll Lm500 li kienu ghas-set tal-kamra tal-banju minghand Alex Mercieca Bathroom Centre Ltd., izda tghid li l-ircevuta qiedgha ghand il-konvenut.

Tishaq ukoll li kemm hi kif ukoll missierha kienu ghenu fil-post.

L-attrici elenkat ukoll l-oggetti li nxtraw fiz-zwieg u li taghhom qed tippretendi li tiehu sehemha.[6] Qed tippretendi ukoll sehemha miz-zieda fil-valur tad-dar u bid-dritt li tibqa' tghix fiha peress li l-konvenut kien hati tas-separazzjoni u di piu' ma kellhiex fejn tmur toqghod**.**

**Kontijiet Bankarji**

L-attrici qed tippretendi sehemha mis-somma li ha l-konvenut, li taghha ma kinitx taf kemm hu l-valur, kif ukoll li l-kontijiet bankarji jinqassmu bejniethom.

---

[4] Prospett anness mar-rikors
[5] Dok. MA 4 anness mal-affidavit tal-attrici
[6] Fol. 11 tal-affidavit tal-attrici

**Vetturi**

Bhala vetturi, l-attrici tghid li l-konvenut kien xtara mutur biex jahrat l-ghalqa u kien hallas id-dejn u ghadu jinzamm fil-garaxx.

**Ghalqa**

Kien hemm ukoll ghalqa li l-konvenut kien wiret, flimkien ma' tlett hutu minghand missierhom u kienu hallsu lill-hutu l-ohra sehemhom circa Lm300/Lm350.

**Elenkat ukoll oggetti parafernali taghha.**[7]

Il-konvenut in subizzjoni kkonferma li kien jircievi l-pensjoni fl-ammont ta' circa €455 u peress tat-tezor ighid li ma jizdiedx jiricievi €500 tas-social kull xahar ukoll.

Jispjega li minn dawn il-fus kien ighaddi lill-mara €500 fix-xahar, imbaghad kien waqqafhom peress li ma kinitx issajjarlu u lanqas tahsillu u beda jaghtiha €200 fix-xahar.

Ighid li kien mis-sena 2018 li bdew ikollhom il-problemi ghax l-attrici kienet toqghod tfittex mieghu u kienet baqa' ccassat. Izid ighid ukoll lit-tfal ghandhom paga, izda t-tifel kellu d-dejn mieghu.

Dwar id-dar jikkonferma li tappartjeni lilu, pero' l-attrici kienet talbitu sabiex idawwarha fuq isimha ukoll, minhabba li kienet tibza' li f-fond jispicca ghand hutu. Kelma ggib ohra u kienu spiccaw iggieldu.

---

[7]A fol. 12 tal-affidavit tal-attrici.

Dwar il-kontijiet tad-dawl u ilma tul dawn l-ahhar sentejn jikkonferma li kien hallas nofshom.

Fuq il-pensjoni jikkonferma li kien qed ighaddi nofsha lill-attrici, circa €300 kull erba' gimghat.

Jametti li kemm il-darba kien ighid lill-attrici biex titlaqlu 'l barra, izda ma kienx kecciha.

Dwar xiri ta' mobbli jikkonferma li l-attrici kienet xtrat sett tal-kamra tas-sodda, kif ukoll il-kcina, il-kamra tal-ikel combined.

Tul iz-zwieg ighid li kienu xtraw ukoll il-kamra tat-tifel u television. Kien hallas il-madum tal-hajt u tal-kcina, kif ukoll il-kamra tal-banju u shower. Kien ghamel l-aluminium qabel iz-zwieg.

**Joanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet, irrizulta li l-attrici ghandha kont wiehed f'isimha personali li llum huma maghluq.[8]

F'isem il-konvenut irrizultaw erba' kontijiet lkoll miftuhin.[9]

Bhala kontijiet kongunti rrizultaw tlieta li huma lkoll maghluqin.[10]

Meta regghet xehdet fit-2 ta' Dicembru, 2019 ipprezentat erba' statements ohra.[11]

---

[8] Dok. JB 1
[9] Dok. JB 2 – JB5
[10] Dok. JB 6 – JB 9
[11] Dok. BOV 1 – BOV 4

**Lorraine Attard**, in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. Ikkonfermat li f'isem il-konvenut irrizulta kont savings li llum jinstab maghluq u ma rrizultax statement tieghu.

**Joseph Saliba**, in rapprezentanza tal-JobsPlus ipprezenta l-employment history tal-partijiet.[12]

**Diane Mazzonello,** in rapprezentanza tal-Isptar Mater Dei pprezentat il-file mediku tal-partijiet rispettivament.[13]

**Abigail Mifsud**, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg tikkonferma li l-attrici kienet ghamlet kuntatt maghhom diversi drabi u cioe' fl-2009, 2011, 2012 u 2016 u kienet giet mitkellma minn DF u MV kollegi taghha.

Hi personalment kienet tkellment mal-attrici fl-2018.

Tghid li l-attrici kienet talbet is-servizzi taghhom peress li kien hemm allegazzjonijiet ta' abbuz emozzjonali mill-konvenut u kien hemm zewg incidenti li sehhew fit-8 ta' Dicembru, 2008 u fit-3 ta' Gunju, 2009, fejn il-konvenut kien aggressiv maghha u kellha titlob li jintervjenu l-pulizija. Kienu l-pulizija li rrakkomandaw li tkellem tabib peress li dehrilhom li l-konvenut ma kienx fi stat mentali tajba.

Tghid li kien hemm ukoll problemi ta' abbuz finanzjarju, kif ukoll kien jikkontrolla kollox billi jehodilha c-cwievet tal-garaxx jew tal-kaxxa tal-posta.

Sa llum l-attrici ghadha tuza' s-servizzi tal-Appogg u iktar joffrulha sapport emozzjonali u pjan ta' sikurta' biex tevita incidenti simili li sehhew. L-attrici ma

[12] Dok. JS1 – JS 2
[13] Dok. DM 1

tantx kienet tikkomunika maghhom peress li kienu qed tistennew li jibdew il-proceduri legali.

Tikkonferma ukoll li l-attrici qaltilha li s-sitwazzjoni d-dar ma tantx inbiddlet, izda tghallmet tinjorah. Kienet qaltilha ukoll li kien intlahaq ftehim mal-avukat li jibda jtiha €150 fix-xahar, kif ukoll ilesti x-xogholijiet li kellu jaghmel id-dar u li qatt ma ghamel.

L-attrici kienet ikkonfermat maghha li l-manteniment kien qed jithallas.

Ipprezentat in-notamenti taghha.[14]

**Connie Azzopardi**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezentat dokumentazzjoni sabiex tikkonferma l-beneficcji tac-childrens allowance li rceviet l-attrici bejn 1997 sa 2011.[15]

Tghid li l-beneficcju kien jinhadem fuq l-introjtu tal-konvenut bhala head of household, izda kienet hi l-beneficcjarja.Dok. CA 2

Ipprezentat ukoll dokumentazzjoni dwar ir-retirement pension, kif ukoll is-special bonus li kien ghadu jircievi l-konvenut.[16]

Peress li l-konvneut ghandu pensjoni baxxa, jircievi ukoll special assistance.[17]

---

[14] Dok. AM 1
[15] Dok. CA 1
[16] Dok. CA 3
[17] Dok. CA 4

**Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma informazzjoni dwar il-kont bankarju fejn jigi ddepositat ic-childrens allowance.[18]

**PC 3025 Antonella Busuttil** ipprezentat tnax-il rapport li hdax saru mill-attrici[19] u wiehed sar mill-konvenut.[20]

**Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonferma li qatt ma kien hemm vetturi rregistrati fuq il-partijiet.[21]

**WPC 204 Marica Bugeja** pprezentat zewg rapport li saru mill-konvenut kontra martu u zewg uliedu.[22]

**Dr. Etienne Grech MD** ilu tabib tal-partijiet ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Ighid li generalment lill-attrici jaraha minhabba mard komuni bhal irjihat u grizmejn u anke l-konvenut. Pero' l-konvenut oltre minn hekk ghandu problema ta' smiegh u difficli biex tikkomunika mieghu u dan l-iktar minhabba li ma juzax il-*hearing aid* hafna drabi.

Jikkonferma ukoll li kien hemm darba fejn kellu jibghatu ghand il-psikjatra Dr. Etienne Muscat biex jaghmillu assessment biex jara jekk hux *fit for work* jew le minhabba li kien ser ighaddi bord.

---

[18] Dok. ST 1
[19] Dok. PC 1 – PC 11
[20] Dok. PC 12
[21] Doks. SC1 – SC 4
[22] Dok. MA 1 u MB 2

Ighid li skond Dr. Muscat, minhabba n-nuqqas ta' smiegh tal-konvenut irrizultalu depressjoni u kien ghalhekk li ppreskrivilu anti-depressants, li fil-fehma tieghu mhux qed jehodhom peress li ghalkemm kien hariglu l-karta safra biex jiehu dawn il-pilloli, qatt ma rega' mar biex igeddidha, meta suppost din tiggedded kull xahrejn jew tlett xhur.

Dwar is-sitwazzjoni familjari jghid li ma kienx jaf hafna dettalji peress li kien tabib, izda l-attrici kienet tilmenta mieghu fuq l-imgieba tal-konvenut filwaqt li l-konvenut kien jilmenta li l-attrici ma kinitx taqbel mieghu u jekk kienu jigu biex jisseparaw ikecciha 'l barra peress li d-dar kienet tieghu.

Jikkonferma li kien hemm hafna pressjoni da parti tal-familja tal-konvenut sabiex jitpogga Mount Carmel, peress li kien aggressiv maghhom u kien igib ruhu b'mod stramb, pero' jghid li ma kienx ihoss il-htiega peress li ma kienx psikotiku u ma kienx jarah aggressiv.

Dwar il-pilloli li mhux qed jiehu jikkonferma li dan ihalli impatt negattiv fuq il-konvenut.

**Pauline Borg** hija social worker li kienet hadmet mal-partijiet xi ghaxar snin ilu u dak iz-zmien kienet tahdem mal-Appogg, illum Foundation for Social Welfare Service. Kienet pero' *on secondment* mal-Gizwiti fil-komunita' ta' Paolo Frere dak iz-zmien u fil-fatt kienet giet avvicinata fuq il-kaz minn qassis.

Kienet marret ma' kollega biex ghamlu *home visit* lill-partijiet peress li kien qed ikun hemm hafna dizgwid bejniethom fuq il-klieb, Il-konvenut kien waqaf imur u spiccat li minn zmien ghal zmien kienet tikkomunika maghhom l-attrici li baqghet tinsisti li kien ikollu kwistjonijiet zghar li mbaghad jeskalaw. L-iktar

dawn kienu jirrigwardaw il-manutenzjoni tad-dar li l-konvenut qatt ma kien jiehu hsieb.

Minn dak li rat, kien jidher li l-attrici kienet persuna kalma u taf xi trid, mentri l-konvenut ried jiddetta, kien sikkat fil-flus maghha u jiddetta l-infiq.

L-ahhar li kellmet lill-konvenut kien sabiex tikkonvincih jattendi l-*management abusing behaviour* mal-Appogg, izda ma kienx ha l-parir taghha. Mal-attrici kienet in kuntatt minn zmien ghal zmien u kien hemm problemi xi kultant li jikkoncernaw is-sigurta' tal-attrici u kienet tikkonfondi, tant li l-partijiet spiccaw jirrappurtaw lil xulxin.

**RA** , bin il-partijiet jitkellem fuq hajjithom bhala familja u kif dejjem hu u ohtu dejjem sabu lil ommhom, filwaqt missierhom kien ikollu hafna konflitti mieghu u kien anke jsawwtu bic-cintorin. Kien biss meta beda jitghallem mill-iskola fuq *child abuse* li kien beda jhedded lil missieru li kien ser jirrapurtah.

Isemmi l-kwistjoni tal-klieb li kien gab missieru u kien rabat qalbu maghhom u f'hin minnhom il-konvenut ma ridhomx izjed u rrapporta lil tas-Sanita' li ma kienux mizmumin tajjeb u dan ma rrizultalhomx ghax l-attrici kienet dejjem tnaddaf warajhom. Kienu spiccaw jiggieldu hafna bejniethom il-partijiet, tant li kellhom jintervjenu l-pulizija.

Jishaq li kien jiddispjacih li missieru kien imur jirrappurtah u dan fuq diversi affarijiet fosthom meta kien halla l-karozza pparkjata quddiem il-garaxx peress li ma kellux fejn ipoggiha sakemm sewwieha.

Ighid ukoll li kien spicca gelldu mal-hbieb peress li ma kienx iridhom gewwa d-dar u kien anke qatt ma tah rigal ghall-birthday jew ghall-Milied bhat-tfal ohra u dina kienet tibqa' ferita.

Kien jisma' lil missieru jghid li qatt ma ried tfal u ghalhekk dawn il-kliem kienu jibqghu jewdnu go mohhu.

Jametti li ghalkemm ma kienx mur hazin l-iskola, meta beda jitfarfar u johrog ma' shabu ma kienx ikollu *pocket money* bhal haddiehor u kien johrog b'€2. Kien ghalhekk li malli spicca l-Form 4 telaq mill-iskola ghax kien *repeater* u qabad jahdem u kellu paga ta' circa €600.

Malli beda jaqla' l-paga missieru beda jsaqsih ghall-flus meta kien jaf is-sitwazzjoni tieghu u kien hemm darba fejn hu u l-attrici kienu qabzu pagament u kien qataghlhom is-servizz tal-internet. Kien ghalhekk iddecieda li jdahhal servizz separat ghalih u ghall-ohtu u l-konvenut kien ghamel plejtu shih.

Jametti li kien ried jitlaq mid-dar u jmur ighix ghar-rasu, izda ma kienx ghamel dan minhabba ommu.

Illum jiffaccja problema peress li ghandu tfajla u jibza' jgibha d-dar minhabba li jsib lill-genituri tieghu qed jiggieldu. Ighid ukoll li d-drabi li tkun hemm u jkunu fil-kamra tieghu, il-konvenut jaqbad u jidhol peress li m'ghandhomx bibien id-dar, hlief puritieri.

**DA ,** bint il-partijiet tghid li mit-tfulija taghha missierha ma tantx kien jittrattaha bil-hlewwa u kien ighajjat maghha u jghajjarha. Kienet dejjem l-attrici li kienet tikkonfondi u tiehu hsiebhom jekk kienu ma jifilhux u anke ghal dak li jirrigwarda l-iskola u homework. L-ezamijiet tal-O'Levels kienet akkumpanjata dejjem l-attrici u kienet dejjem taghmilha kuragg mhux bhall-konvenut.

Jekk ma kienx jiflah il-konvenut kien jippretendi li kulhadd idur bih.

Bhala familja ma gawdewx, qatt ma ccelebraw birthdays, Mother's Day jew Father's day jew il-Milied. Kull glieda bejn il-genituri kien jispicca biex ma jkellimhomx.

Meta kienet is-sekondarja tghid li kellha kompjuter li ma kienx jahdem sew u kien il-hin kollu ghat-tiswija, tant li mbaghad iddecidiet li tiehu loan sabiex tixtri wiehed gdid, Il-konvenut kien hallas il-kappara u kellha thallsu lura.

L-attrici tikkonferma li kien hemm il-kwistjoni fuq il-klieb li kienu rabtu qalbhom maghhom u kien hemm anke problemi ghax malli bdiet taqla l-flus riedha thallas, flimkien ma' huha €15 kull wiehed biex ikopru l-bundle tat-telefon, TV u internet. Imbaghad beda jitlobhom €80 kull wiehed u kienu jsibuha difficli sabiex ilahhqu mal-ispejjes taghhom, ta' missierhom u l-futur taghhom.

Tghid li llum qed tistudja l-universita' u qiedgha fit-tieni sena, izda missierha ma jafx ghax kien jaqtaghlha qalbha jekk isir jaf li waqfet mix-xoghol.

Izid tghid li l-konvenut kien dejjem ighajjarhom li d-dar hija tieghu u mhux ser jiehdu xejn minnha,

**Osterius Aquilina,** in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Artijiet xehed dwar il-file li jgib in-numru 1250/63 u jispjega li f'Dicembru, 2000 kienet saret talba minn EA sabiex idawwar is-sehem tieghu ta' art ghal fuq uliedu. F'Marzu, 2001, it-tfal tieghu kienu gew irrikonoxxuti bhala s-sidien flimkien man-nisa taghhom.

Jikkonferma li fl-2001 il-Gvern kien hareg skema tal-qbiela u fuq dina l-area kienu saru diversi applikazzjonijiet fosthom JA u MA .[23] Jikkonferma li kien sar il-kuntratt maghhom.

**Angelo Said,** in rapprezentanza tad-Dipartiment Pensjoni tas-Servizz ikkonferma li l-konvenut jircievi pensjoni tas-servizz. Il-pensjoni annwali tammonta ghal €5463.96 u t-total tal-pensjoni minn Novembru 2018 minn meta bdiet il-pensjoni sa Dicembru, 2020 kienet tammonta ghal €65,821.28.[24]

Izid ighid li l-konvenut kien anke rcieva s-somma ta' darba bhala parti mill-pensjoni tas-servizz, li kienet tammonta ghal €22,766.

Fl-istess document jirrizulta ukoll il-*commuted pension* li hija pensjoni annwali. Peress li s-somma tithallas b'cekk ma tirrizultax mis-sistema.[25]

## **<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

## **<u>RESPONSABBILITA'</u>**

L-attrici tikkontendi illi ż-żwieg ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minhabba eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi kommessi mill-konvenut. Il-konvenut da parti tieghu pprezenta kontra-talba fejn eccepixxa illi l-attrici hija hatja tas-separazzjoni u dan meta kkommettiet mohqrija , sevizzi, minacci, insulti , eccessi u ingurji gravi fil-konfront tieghu.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

---

[23] Dok. AA4 – AA5
[24] Dok. AS 1
[25] Dok. As 2

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi:

> ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

> ***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa***

*tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…*

*Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."*

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017:

***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima.***"

L-allegazzjonijiet tal-attrici rigward il-problemi li kellhom fiz-zwieg kienu l-iktar li jikkoncernaw in-nuqqas ta' rispett u nuqqas ta' ghajnuna li kien juriha l-konvenut. Qatt ma kien ighinha bit-tfal, kien jaqbad jirridikolaha u jghajjat quddiem in-nies sabiex javveliha. Meta kellha infjammazjoni tal-muskoli peress li kellha hafna ansjeta', il-konvenut beda jinsulentaha li marida b'mohhha peress li t-tabib kien ippreskrivilha kalmanti.

Kien hemm ukoll problemi serji finanzjarja peress li l-konvenut kien ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus. Ma kienx jaghtiha izjed minn €30 fil-gimgha u kemm il-darba naqqashom ukoll. Din l-attitudni kompliet tul iz-zwieg u kien anke nehhilha prokura bl-iskuza li kienet tonfoq wisq. Lanqas qatt ma kien lest d-dar u kienu ghadhom bla bibien u bil-purtieri minflok

Ta' min ighid ukoll li kien gieghel lit-tfal jikkontribwixxu lejn il-bzonnijiet tal-familja, tant li sfortunatament, dawn ic-cirkostanzi cahdu lil binhom milli jkompli jistudja sabiex isib xoghol ghaliex ma kellux flus sabiex ikampa u jissocjalizza ma' shabu. Binthom minn naha taghha kellha tahbi minn missierha li qed tistudja l-Universita' u zzomm impjieg part-time sabiex tikkontribwixxi lejn l-ispejjes tal-familja.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-konvenut cahhad lil uliedu Daniela u Ryan minn dak li huwa dmir ta' missier, anke jekk il-mezzi ma tantx kienu jippermettu, huwa amirevoli, kif iz-zewg ulied urew iktar maturita' mill-genituri u raw kif ghamlu sabiex jisfidaw id-dominanza u l-egoizmu tal-missier u jsibu triqthom ugwalment.

Anke wasslu sabiex installaw servizz tal-internet ghalihom peress li l-konvenut kien qataghhulhom.

Fl-2008/2009, il-konvenut kien ghadda bord u ghalkemm kienu offrewlu xoghol iehor, insista li ried jghaddi bord. Minhabba li kellu bzonn *hearing aid*, in-nuqqas tas-smiegh tieghu wassal sabiex ikollu depressjoni u ghalkemm it-tabib kien ippreskrivilu anti-depressants ma kienx qed jehodhom. Dan huwa ikkonfermat mat-tabib kuranti tal-partijiet Dr.Etienne Grech li kkorrobora l-verzjoni tal-attrici li kien difficli biex wiehed jikkomunika mal-konvenut u kien jista' jikkonferma li ma kienx qed jiehu l-pilloli peress li ghalkemm inhargitlu l-karta l-hadra ikollu bzonn renewal kull tlett xhur, izda qatt ma kien mar biex igeddidha.

S'intendi l-fatt li l-konvenut ma kienx qed jiehu l-kura li kien jehtieglu kien ihalli impatt negattiv fuqu, tant li beda jirrifletti fl-atteggjament tieghu meta sar iktar aggressiv u kien anke jmur jirrapporta lill-martu u anke lil uliedu bhalma kien ghamel meta kienu qed irabbu l-kelb u gab lil tas-Sanita'.

Kien jaghmel ix-xenati jekk it-tfal igibu lill-hbieb jew l-gharajjes taghhom id-dar, tant li kienu jispiccaw bil-problemi maghhom.

Kien dejjem jheddidha li jkecciha barra mid-dar peress li kienet tappartjeni lilu u dan huwa ukoll ikkorroborat mit-tabib Dr. Etienne Grech li jghid li l-partijiet kienu infurmawh li kellhom il-problemi u li l-konvenut ried ikecci lill-attrici mid-dar.

Minhabba d-dizgwid li kien inqala' bejn il-partijiet il-pulizija kienu ippruvaw ighinuhom sabiex jaslu ghal-ftehim u kienu anke marru jkellmu qassis li kien irreferihom lil Pauline Borg li kienet *social worker* u kienet ikkorroborrat il-

verzjoni attrici. Kienet anke ssuggerit lill-konvenut sabiex jattendi *Management Abusive Behaviour* course fi hdan l-Appogg, izda qatt m'attenda.

Abigail Mifsud li tahdem l-Agenzija Appogg ikkonfermat li meta l-attrici kienet ghamlet uzu mis-servizzi taghhom fis-snin 2009, 2011, 2012 u 2016, kienet marret minhabba l-abbuz emozzjonali li kienet ghaddejja minnu u minhabba l-abbuz finanzjarju li kienu jbatu hi u uliedhom taht idejn il-konvenut.

Il-fajl mediku li gie pprezentat fl-atti tal-kawza jikkonferma li l-konvenut ibati minn "major depressive disorder and psychosis" fejn effettivament l-istess psikjatra tal-konvenut Dr.Etienne Muscat isostni li l-kundizzjoni tal-konvenut kien iwasslu sabiex ikun "prone to being hostile and having arguments due to his paranoid behaviour."

Dan jiggusitifka ghala ghal kull haga frivola bhal li l-attrici ma tkunx ghadha lestitetlu t-te' jew ghax thalli r-radju mixghul kien jaghmel storbju shih u xenati jew sahanistra jmur jaghmel rapport l-ghassa.

Huwa minnu ukoll li Dr. Etienne Grech ighid li kien hemm insistenza da parti tal-familjari tal-konvenut sabiex jitpogga Mount Carmel, pero' ma kienx jahseb li kien il-kaz ghax ma kienx jara problemi psikotici.

Ciononostante, mill-assjem tal-provi ma jistax jigi eskluz li l-konvenut ghandu problema ta' depressjoni li mhix qed tigi kkurata u ghalhekk twasslu li jirreagixxi b'mod mhux normali b'anger management problems. Din it-tip ta' hajja kontinwa, bit-theddid u biza kontinwa mhix hajja felici, kemm ghall-attrici, kif ukoll ghall-uliedhom. Indubbjament, ghalhekk dina l-Qorti tista' tikkonferma li l-konvenut huwa hati tat-tifrik taz-zwieg minhabba li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, theddid u anke ingurji gravi.

**Manteniment**

L-attrici xehdet li kien hemm qbil bejniethom meta ddecidew li ladarba kienet harget tqila, kellha tieqaf tahdem sabiex tiehu hsieb il-familja. Ghalhekk huwa fatt stabbilit li l-attrici ilha ma tahdem mis-sena 1990 u ghalhekk mhix intitolata li tircievi pensjoni jew assistenza socjali.

Inoltre, illum ghandha 60 sena u huwa difficili ghaliha li ssib impjieg. Gie pprezentat ukoll certifikat mediku fejn gie ccertifikat li l-esponenti tbati minn ugigh f'darha li jillimitalha l-moviment taghha. Dr. Cefai kkonkluda ukoll li l-attrici m'ghadhiex f'posizzjoni li ssib xoghol bi qliegh.

Sakemm spiccaw bil-proceduri l-Qorti, l-attrici kkonfermat li l-konvenut kien ighaddilha s-somma ta' €500 li kienet ikkundizzjonata bil-fatt li toqghod isseftirlu, imbaghad kien naqashomlha ghal €300 ghax stqarr li ma kinitx qed issajjarlu jew tahsilu hwejjgu. L-attrici kienet ipprezentat rikors sabiex il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallasha manteniment, izda peress li l-konvenut kien irrisponda li qed ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, telephone u spejjez komuni kollha wahdu, kien a bazi ta' dan li b'digriet tal-25 ta' Lulju, 2019, li l-Qorti ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €200 fix-xahar.

In segwitu, l-attrici regghet ipprezentat rikors sabiex tvarja d-digriet fuq imsemmi u dan minhabba li ssostniet li kienu qed jinqasmu l-ispejjes komuni tal-partijiet u b'digriet tas-26 ta' Lulju, 2021 il-Qorti laqghet it-talbiet taghha u ordnat li ghandha tircievi nofs il-pensjoni tal-konvenut, kif ukoll beneficcji socjali.

Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attrici u cioe' li m'ghandhiex tbati issa meta fil-bidu taz-zwieg kienu ftehmu li ma tahdmix sabiex ix-xoghol taghha jkun dak li tiehu hsieb il-familja. In sostenn ta' dan hemm l-Artikolu 52(2) tal-Kodici

Civili fejn jirrikonoxxi li in linea ta' manteniment, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni il-hiliet tal-parti mizzewwga li taghmel qliegh u jekk din gietx imnaqqsa minhabba li dik il-parti waqt iz-zwieg kienitx hadet hsieb id-dar u t-trobbija tat-tfal. Mhux gustifikat li l-attrici tigi mcahhda minn manteniment meta tul iz-zwieg, li ghamlet kien, li tiehu hsieb ix-xoghol tad-dar u uliedhom.

Ghaldaqstant, ikun opportun li dina l-Qorti tikkonferma d-digriet taghha tas-26 ta' Lulju, 2021 u tordna li l-attrici tircievi nofs il-pensjoni tal-konvenut u l-beneficcji socjali ppercepiti mill-konvenut. L-istess ammont ghandhu jinqata' direttament mill-pensjoni tal-konvenut u jitpogga go kont bankarju indikat mill-attrici.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

a) **Kontijiet Bankarji**

Huwa fatt mhux ikkontestat li l-partijiet kellhom kontijiet bankarji intestati f'isimhom rispettivament. Irrizulta li tul il-perjodu tas-separazzjoni, il-konvenut kien gibed xi flus mill-kont savings numru 40018148257 u mis-savings account 40012817322. [26]

Irrizulta li kellu ukoll zewg term deposit accounts ta' €5000 u €10, 000.[27]

Jirrizulta ukoll li dawn il-flus gew mwarrba mis-somma tal-one time gratuity li rcieva u minn hawn jidher li l-verzjoni tal-konvenut hija wahda invertiera peress li kien qal li kien uza dina s-somma ghall-hajja.

Ghalhekk in vista ta' dan, dina l-Qorti tikkonferma t-talba tal-attrici li sehemha minn dawn il-kontijiet bankarji huwa ta' €13, 777.

[26] Fol.11 tas-sottomissjonijiet tal-attrici.
[27] Doks. BOV 3 u BOV 4

**Vetturi**

Bhala vetturi l-unika referenza li saret kienet fuq il-mutur tal-hart, li skond l-attrici ghadu jinzamm fil-garaxx. Il-verzjoni tal-konvenut hija kontrastanti peress li jghid li l-mutur kien inbiegh. Jekk kemm il-darba l-verzjoni tal-attrici tirrizulta bhala dik veritiera, l-mutur ghandu jigi assenjat lill-konvenut peress li m'ghandu ebda utilita' ghall-attrici.

**Qbiela**

Mix-xhieda kemm tal-attrici, kif ikkorroborata minn Osterius Aquilina in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Artijiet jirrizulta li missier il-konvenut KA kien qasam l-ghalqa li kellu bejn l-ahwa.[28]

Kellhom ukoll kirja ta' bicca raba u kamra fir-raba gewwa M'Skala.

Il-konvenut ikkonferma li qed ihallas dawn il-qbiela.

Peress li jirrizulta li s-sehem tal-konvenut tal-ghalqa hija parafernali, ghalhekk ghandha tigi assenjata lilu (Dok.AA 3).

L-attrici ghandha tiehu l-kirja tar-raba f'M'Skala (Dok. AA4).

**Dejn**

Il-kontijiet tal- Arms huma regolati permezz tad-digriet datat 13 ta' Novembru, 2020 fejn gie ordnat li l-kontijiet ghandhom jithallsu b'mod ugwali bejniethom u hekk qed isir.

---

[28] Dok. AA 2

Hemm kwistjoni pendenti dwar l-arretrati. Konsiderando li l-htija tas-separazzjoni hija tal-konvenut wahdu ghandu jassumi l-obbligu li jhallas dawn l-arretrati.

**<u>Dar Matrimonjali</u>**

L-attrici elenkat diversi oggetti li jinsabu fid-dar matrimonjali li xtrat hi qabel iz-zwieg [29]. Meta xehed il-konvenut kien hemm qbil in kwantu ghas-set tal-ghamara tas-sular ta' fuq (inkluz sodda, komodini ecc), il-kcina, il-kamra tal-ikel combined u kienet tatha ukoll xi affarijiet ommha. Qal li probabilment xtara l-poggaman u ma setax jiftakar min ghamel il-bibien t'isfel.

In sostenn tal-verzjoni taghha l-attrici esebit diversi rcevuti sabiex tikkonferma li kienet xtrat uhud mill-oggetti li elenkat u cioe' il-bank tal-kcina, kamra tal-ikel, balavostri, bieb ta' barra u ta' gewwa, ghamara tal-kamra tas-sodda li jammontaw ghal Lm7,400 (€17,237.36).[30] Dwar is-set tal-kamra tal-banju ikkonfermat li kienet xtratha minghand Alex Mercieca bathroom centre u dan kien jiswa Lm500 (€1,164), kienet anke xtra il-madum tal-hajt u l-art u kienet hallset fi flus kontanti, izda ma setghetex tipprezenta rcevuta peress li kien zammha l-konvenut.

Dwar l-oggetti taghhom li ma setghetx tipprezenta rcevuti, jirrizulta li dawn ma gewx ikkontestati mill-konvenut.

Il-Qorti qieset il-provi mressqa quddiemha u hija tal-opinjoni li l-pretensjoni tal-attrici li tiehu s-somma ta' €20,000 ghas-saldu ta' sehma tal-oggetti li xtrat qabel iz-zwieg ghandha tigi milqugha.

---

[29] Ara fol. 12/13 tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-attrici
[30] Dok. MA 4

L-attrici elenkat ukoll diversi oggetti li nxtraw fiz-zwieg u ghalkemm uhud gew ikkonfermati mill-konvenut, kien hemm dawk li ma gewx ikkontestati[31] Il-konvenut semma li kien ghamel l-aluminium, izda ma pproducix ircevuti in sostenn ta’ dan.

Peress li ghalhekk ma hemmx valur ta’ dawn l-oggetti, il-Qorti qed tinnomina lil Vincent Ciliberti bhala espert stimatur sabiex issir valutazzjoni tal-istess u l-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici nofs il-valur ta’ dawn l-oggetti.

Dwar id-dar matrimonjali mhux ikkontestat li dina hija parafernali ghall-konvenut. Ciononostante, l-istess fond jirrapprezenta d-dar matrimonjali fejn il-partijiet rabbew familja. Ghandu jigi kkunsidrat ukoll li l-htija tas-separazzjoni hija ta’ hadd inqas mill-konvenut.

L-attrici hija disposta li tghix fl-istess fond sakemm dan huwa komodament divizibbli. Fil-fatt, dina l-Qorti kienet innominat lil Perit Mario Axisa sabiex jikkonstata jekk dan setax isir. Fil-konkluzzjonijiet raggunti mill-istess Perit Axisa fir-rapport tieghu datat 29 ta’ Novembru, 2022, gie konkluz li “d-dar matrimonjali tista’ tinqasam f’zewg residenzi separati minn xulxin b’alterazzjoni semplici.” Ikun hemm maisonette fil-pjan terren u iehor fit-tieni sular.

Izid ighid li sabiex il-maisonette tat-tieni sular ikun ta’ qies tajjeb jehtieg li jinbena terrazzin sabiex ikun hemm post ghall-kcina u kamra tal-pranzu.

[31] Ara fol. 13/14 tal-affidavit tal-attrici

Dwar l-ispejjez sabiex dan isir, Perit Axisa kkonstata li dawn jammontaw ghal €5,200, inkluz dawk professjonali, kif ukoll l-ispejjes ta' kostruzzjoni, inkluz dawk professjonali jammontaw ghal €16,000 u spejjez ohra jammontaw ghal €3,000.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez ghas-servizzi u finituri tal-pjan terren dan jammonta ghal €1,500, filwaqt ghal dak tal-maisonette tat-tieni sular, dawn jammontaw ghal €23,000.

Tenut kont tal-fatt, li l-attrici hija f'posizzjoni prekarja hafna u certament mhux ser tkun f'posizzjoni li tinghata self sabiex tixtri post ghaliha, kif ukoll l-posizzjoni tal-konvenut mhi xejn ahjar, ikun opportun li d-dar tigi diviza skond kif rrakkomandat mill-Perit Axisa.

L-ispejjez ghal dawn ix-xogholijiet ghandhom isiru mill-konvenut u tenut kont tac-cirkostanzi finanzjarji, il-Qorti ser tilqa' l-proposta certament ragjonevoli tal-attrici li tirrinunzja ghall-kreditu dovut lejha jekk dawn l-ispejjez jithallsu mill-konvenut. Fin-nuqqas, li dawn ix-xogholijiet ma jitlestewx u jithallsu sa zmien tlett snin mil-lum il-konvenut ghandu jizgombra mid-dar matrimonjali u l-attrici jkollha dritt tibqa' tghix fid-dar, *vita durante*, flimkien mat-tfal sakemm dawn jilhqu l-istat taghhom (*vide* **Carmen Mifsud vs Cristino Mifsud**, Appell, 14 ta' April 1997).

Ghalhekk, ghal kull skans ta' ekwivoku, il-proprjeta' ha tibqa' tal-konvenut, stante li hija tieghu minn qabel iz-zwieg, izda l-attrici ghadha d-dritt tibqa' tghix f'dik il-parti li l-Qorti qed tassenjalha dritt li tghix fiha *vita durante.*

**Affarijiet Personali**

L-attrici elenkat diversi oggetti bhala proprjeta' parafernali taghha u peress li ma rrizultax li kien hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenut, dawn ghandhom jittiehdu mill-attrici:-

1. Grandfather clock
2. Statwa bil-lampa
3. 2 vazuni kbar li jinsabu fil-kuritur
4. Fanali tal-kcina u tal-kamra tal-ikel
5. Tapiti
6. Tavolina ta' fuq
7. Sodda li tinghalaq
8. Purtieri tal-kamra tal-ikel
9. Tvalja
10. Borma tal-ghagin
11. Cake mixer
12. Siggijiet

Il-konvenut ghandu jassigura li jikkonsenja dawn l-oggetti lill-attrici fl-iqsar zmien, izda mhux inqas minn sitt xhur mid-data tas-sentenza.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici.

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tordna li l-manteniment jithallas lill-attrici kif fuq imfisser, u cioe’ nofs il-pensjoni pagabbli lill-konvenut, filwaqt li tordna li l-istess manteniment jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

Tiddikjara ukoll li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici.

3. Tichad it-tielet talba attrici.

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici u tordna li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u tterminata kif fuq imfisser.

5. Tilqa’ l-hames talba attrici kif fuq imfisser fil-komunjoni tal-akkwisti.

6. Tichad is-sitt talba attrici stante dak li gie deciz fuq id-dar matrimonjali iktar ‘l fuq.

7.Tilqa’ s-seba’ talba attrici in parte skond kif gie deciz fuq id-dar matrimonjali iktar ‘l fuq.

8. Tilqa’ t-tmien talba attrici.

**Kontro-Talba**

1, Tilqa’ l-ewwel kontro-talba in parte stante li tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet u dan minhabba htija attribwibbli lill-konvenut.

2. Tilqa’ t-tieni kontro-talba.

3, Tilqa’ t-tielet kontro-talba sa fejn applikabbli u skond kif imfisser iktar ‘l fuq.

4. Tichad ir-raba’ kontro-talba.

5. Tichad il-hames kontro-talba.

6. Tilqa’ s-sitt kontro-talba u xxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.

7. Tilqa’ s-seba’ kontro-talba sa fejn applikabbli.

8. Tichad it-tmien kontro-talba.

9. Tilqa’ d-disa’ kontro-talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**